**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 110/2007 AF**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**vs**

**Dione Bartolo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tad-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fid-19 ta' Gunju 2006 Joseph u Maria Aquilina intavolaw quddiem din l-Onorabbli Qorti rikors ghall-hrig ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimat jigi inibit milli jkompli bi kwalsiasi xogholijiet ta' skavar, bini, kostruzzjoni, tqattiegh ta' blat jew xogholijiet kwalsiasi ta' kostruzzjoni fil-fond fejn qabel kien kostruwit l-fond "Summit" fi Triq Snajjin, Mellieha.

Dak in-nhar stess din l-Onorabbli Qorti ddegretat billi laqghet provvizorjament it-talba u ordnat n-notifika lil kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Fid-19 ta' Gunju stess, jigifieri dakinhar stess, ir-rikors u d-digriet hawn fuq imsemmi gew debitament notifikati.

Joseph u Maria Aquilina huma infurmati illi l-Marixxal Mario Genius kien kellem bit-telefon lill-intimat meta nnotifikat bil-Mandat u d-digriet u wissa' illi l-Ordni tal-Qorti kienet sabiex jieqaf mix-xogholijiet li kien qed jaghmel, u dan kollu l-istess Marixxal Mario Genius jista jikkonfermah.

B'dana kollu, nhar l-20 ta' Gunju 2006, minn filghodu, l-intimat u nies imqabbda minnu komplew bix-xogholijiet anke jekk Joseph u Maria Aquilina u l-Pulizija Ezekuttiva avzawh sabiex jieqaf minhabba d-digriet tal-Qorti, kif anke jistghu jixhdu l-istess Pulizija u hemm ritratti illi qed jigu zviluppati u jkunu jistghu jigu esebiti fi stadju ulterjuri.

Meta Joseph u Maria Aquilina avvicinaw lill-intimat sabiex jinfurmawh illi kellu jhalli distanza skond il-ligi fit-tqattigh tal-blat, l-intimat kien ostili, offenda u kellem hazin lill-istess Joseph Aquilina.

Kien biss wara it-tieni intervent tal-Pulizija mill-Ghassa tal-Qawra tard filghodu nhar il-21 ta' Gunju 2006, wara illi l-Avukat ta' Joseph u Maria Aquilina baghat kopja tad-digriet lill-Ispettur tal-Qawra, illi l-intimat waqaf mix-xogholijiet b'dan illi kien lahaq kompla b'gurnata u nofs xoghol iehor minkejja illi kien mgharraf bid-digriet prowizoprju sabiex jieqaf.

B'rikors tat-22 ta' Gunju 2006, Joseph u Maria Aquilina infurmat dana kollu lill-Qorti u, b'digriet tas-26 ta' Gunju 2006, din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jiehu l-passi soliti kontra l-intimata ghad-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti (Dok. B).

Ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Issib lil Dione Bartolo hati ta' disprezz kontra l-awtorità taghha ai termini ta' l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundannah ghall-pieni indikati fl-istess artikolu.

3. Timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimat ai termini tal-artiklu 997 sub-artikolu (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz billi tiffissa zmien perentorju sakemm dawn l-istess ordnijiet ghandhom jigu sodisfatti mill-intimat.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Dione Bartolo li permezz tagħha eċċepixxa:

Mhux korrett illi l-intimat jigi mizmum milli jkompli jikkostruwixxi l-fond "Summit" fi Triq is-Snajjin, Mellieha, stante illi dan huwa qed jaghmlu skond il-permessi relattivi tal-MEPA 4926/05 u ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jitlob li huwa jigi mwaqqaf milli jibni, jikkostruwixxi u jew iqatta' l-blat fil-fond imsemmi.

Skond ir-rapport tal-perit tar-rikorrenti anness f'dawn l-atti Dok. A tal-15 ta' Gunju 2006, ix-xogholijiet li qed isiru huma skond l-istess permessi u l-istess xoghol li qed isir bil-galbu stante illi m'hemm l-ebda difetti strutturali li wiehed jista' jinnota.

L-intimat jista' jaghmel dawn ix-xogholijiet fil-proprjetà tieghu, ga la darba huma kopert b'permessi, u kull skavar li qed isir skond il-ligi.

Skond rapport tal-Perit tal-intimat Michael Attard tal-20 ta' Gunju 2006 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala document DB1, il-hajt divizorju bejn il-kontendenti se jigi mtella' hajt iehor li se jkun imsahhah bil-konkrit bejn dawn iz-zewg hitan, liema hajt se jserrah fuq pjattaforma tal-konkos biex b'hekk l-istabilità tal-binja tigi assikurata ghal kulhadd.

Il-perit isostni illi dawn ix-xogholijiet ghandhom jigu kontinwati mill-aktar fis ghas-sodezza tal-hajt peress illi kif inhu illum, minghajr ma x-xogholijiet jitkomplew, l-istabilità tal-hajt huwa perikolanti u ghalhekk jinhtieg illi x-xogholijiet jitkomplew mill-aktar fis.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' April 2007 din il-Qorti diversament presjeduta ħatret lill-Perit Renato Laferla bħala perit tekniku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat illi minkejja li fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2015 din il-Qorti akkordat żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet finali tagħhom bil-miktub, ebda parti ma ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti mressqa mill-attur peress illi huwa jgħid illi l-konvenut kompla jagħmel xogħolijiet li huwa kien miżmum milli jagħmel bis-saħħa tal-mandat ta' inibizzjoni maħruġ kontra tiegħu fuq talba ta' Joseph u Maria Aquilina, liema mandat kien milqugħ proviżorjament minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Ġunju 2006.

Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament li kellhom jissejħu fil-kawża Joseph u Maria Aquilina bħala l-persuni li intavolaw il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kif ukoll illi huwa mhuwiex ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti stante li ma kiser ebda ordni tal-Qorti peress illi x-xogħolijiet li laħqu saru kienu saru qabel ma ġie milqugħ il-mandat ta' inibzzjoni in kwistjoni. Huwa eċċepixxa wkoll illi Joseph u Maria Aquilina ma kellhom ebda dritt jitolbu l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni imsemmi.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Reġistratur tal-Qrati Superjuri vs Kristinu Giordmaina, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-25 ta' Settembru 2003:

*"Il-proċedura ta' disprezz għandha natura partikulari. Hija maħsuba biex tħares ir-rispett li għandu jinġieb lill-Qorti. Waħda mis-setgħat ewlenin ta' kull Qorti hija li tagħti ordnijiet lil xi ħadd, kemm jekk biex il-persuna tagħmel xi ħaġa jew biex dik il-persuna ma tagħmilx xi ħaġa. ... Kif jgħallem Lord Denning: 'This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of Court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt.' (In re Bramblevale Limited – 1970).*

*Illi minbarra dan xilja ta' disprezz iġġib magħha l-ħtieġa li tiġi ppruvata, minn min qiegħed jixli, il-fehma tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'konsegwenza ta' hekk l-awtorita' tagħha.*

*Illi madankollu din l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna mixlija tqisx l-ordni mogħti lilha bħala wieħed korrett jew le; is-siwi ta' dik l-ordni, sakemm ma jitħassarx' b'ordni ieħor tal-Qorti nnifisha jew ta' Qorti oħra, huwa raġuni oġġettica li torbot lill-mixli li joqgħod għaliha, jaqbel jew ma jaqbilx magħha. Hekk stabbilew il-Qrati tagħna, ukoll fejn wara rriżulta li l-ordni tal-Qorti kien wieħed null u bla siwi. (Appell Ċivili, "Edward Camilleri vs Carmelo Vella" – 7 ta' Ottubru 1997)*."

F'dan il-każ il-Qorti hija unikament interessata tistabbilixxi jekk il-konvenut fil-każ *de quo* obdiex l-ordni mogħtija lilu mill-Qorti fid-19 ta' Ġunju 2006. Għaldaqstant irid jiġi stabbilit jekk l-ordni tal-Qorti gietx notifikata lill-konvenut u jekk fl-affermattiv, kienx jeżisti fil-konkret aġir leżiv tal-ordni da parti tal-istess konvenut (Oliver Agius nomine vs Joseph Gatt, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Diċembru 2002).

Fir-rigward tan-notifika tal-mandat in kwistjoni jirriżulta mill-atti tal-mandat li ġew eżebiti mar-rikors promotur li l-marixxal Mario Genius innotifika lill-konvenut b'kopja tal-mandat u d-

digriet tal-Qorti fid-19 ta’ Ġunju 2006 u ċioè dak in-nhar stess illi Joseph u Maria Aquilina intavolaw il-mandat.

Huwa veru li l-attur f’ din il-kawża qiegħed jesegwixxi ordni mogħtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proċeduri, u jsegwi għalhekk li f’kawża bħal ma hija din ta’ llum m’għandu xejn x’jirbaħ għajr li jiżgura li tiġi mħarsa l-amministrazzjoni tal-ġustizzja (Il-Qorti vs Camilleri – Vol. LXXIV-iii-546), iżda dan ma jfissirx illi l-attur mhuwiex obbligat li jressaq provi sodifaċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant dwar dak li qiegħed jallega – f’dan il-każ illi l-konvenut naqas milli jsegwi l-ordni tal-Qorti.

Jirriżulta li ebda parti ma ressqet prova f’din il-kawża, u l-Qorti lanqas ma tista’ tirreferi għar-relazzjoni tal-perit tekniku għall-għajnuna in kwantu li lanqas il-perit tekniku ma stabbilixxa jekk effettivament il-konvenut kompliex bix-xogħolijiet wara li ġie notifikat bl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni in kwistjoni. Il-fatt illi fir-risposta tiegħu għall-ħruġ tal-mandat il-konvenut wieġeb illi huwa għandu jkompli bix-xogħolijiet ma jfissirx illi dan neċessarjament naqas milli jobdi l-ordni tal-Qorti sabiex jieqaf. Kien jispetta lill-attur li jressaq bħala xhieda lill-marixxal Mario Genius, imsemmi fir-rikors promotur li allegatament kellem lill-konvenut bit-telefon, kif ukoll lill-pulizija mill-għassa tal-Qawra li allegatament marru fuq il-post u sabu li l-konvenut kien qiegħed ikompli bix-xogħolijiet wara li ġie notifikat bil-mandat. Iżda l-attur mhux talli naqas milli jressaq dawn ix-xhieda talli kif diġa ngħad ma ressaq ebda provi sabiex jissostanzja l-premessi u talbiet tiegħu.

Kif ingħad fis-sentenza ta’ Oliver Agius nomine vs Joseph Gatt imsemmija:

> *“Issa huwa minnu illi fid-distinzjoni li ghamlet fuq l-awtorità tad-duttrina Ingliza, il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Anthony Montanaro et noe -vs- Registratur tal-Qrati", 16 ta' Dicembru 1980 ikkwalifikat id-dizubbidjenza ghall-ordni emersa minn qorti civili bhala "civil contempt". B'danakollu billi hu kontemplat li l-imgieba hazina jew l-att vjolatur igorru maghhom sanzjonijiet ta' indoli penali, <u>l-akkuza ta' l-</u>*

*allegata infrazzjoni tehtieg prova rafforzanti, konklussiva u qawwija*." (Sottolinear miżjud).

Għalhekk, il-Qorti ssib illi m'għandhiex quddiemha provi konklussivi dwar jekk il-konvenut injorax ordni tal-Qorti u wisq inqas prova li l-konvenut ried jisfida l-awtorità tal-Qorti, liema element huwa vitali u li mingħajru l-konvenut ma jistax jinstab ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG